**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 26/97**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Carmelo Spiteri**

**Il-Qorti,**

Di hi sentenza fuq zewg appelli maghmula kontra sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fil-31 ta' Awissu, 1998, fil-konfront ta' l-akkuzat Carmelo Spiteri, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 26 ta' l-1997;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat u l-lista ta' xhieda tieghu minnu ppresentati (bhala dokument wiehed) fl-1 ta' Dicembru, 1997;

Rat in nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru, 1997, li permezz taghha eccepixxa l-inammissibilita' ta' zewg xhieda indikati mill-akkuzat, u cioe' tat-tabib Joe Louis Grech u tat-Tabib Christopher Muscat;

Rat in-noti ulterjuri tal-partijiet tat-2 ta' Lulju, 1998 (fil-kaz tal-akkuzat) u tas-6 ta' Lulju, 1998 (fil-kaz ta' l-Avukat Generali);

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 1998; rat l-attijiet l-ohra kollha relevanti, inkluzi l-attijiet tal-istruttorja; ikkunsidrat:

B'din id-decizzjoni din il-Qorti ser tiddetermina l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat, kif ukoll l-eccezzjoni tal-inammissibilita' ta' zewg xhieda in difesa sollevata mill-Avukat Generali. Il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra *seriatim* l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat:

1. L-ewwel eccezzjoni tghid testwalment:

"Illi in linea preliminari l-aggravju ta' attentat t'omicidju bhala aggravanti tal-attentat tas-serq mhuwiex sostenibbli mill-fatti kif esposti fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza".

Presumibbilment l-akkuzat hawnhekk qed jibbaza ruhhu fuq il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali. Fil-parti espositiva ta'dana l-ewwel kap, l-Avukat Generali jibda biex ifisser li l-akkuzat u zewg persuni ohra, f'gurnata u hin partikolari, ddecidew li jippruvaw imorru jisiru mill-fergha tal-Mid-Med Bank f'St. Andrews. Fit-tieni paragrafu ta' dan l-ewwel kap, l-Avukat Generali jghid li l-akkuzat ghamel vjolenza fuq kuntistabbli li kien ghassa mal-post u zamm u ssekwestra u hedded b'arma tan-nar lil diversi nies ohra. It-tielet paragrafu, imbghad, ikompli hekk:

"Illi minkejja li s-serqa kienet bdiet b'xorti tajba inzerta li fil-vicinanzi kien hemm zewg pulizija tal-Mobile Squad li rrealizzaw x'kien qed jigri u irnexxilhom jisfrattaw is-serqa billi l-hallelin hasbu li kienu cirkondati. Illi waqt li kienu hergin Carmelo Spiteri spara lejn dawn iz-zewg Pulizija bil-hsieb li joqtol persuna jew li qieghed il-hajja taghha f'perikolu car izda ma irnexxilhux minhabba ragunijiet accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu".

Il-Qorti tara li minn dan it-tieni paragrafu tohrog car il-kwalifika tal-vjolenza konsistenti f'attentat ta' omicidju, liema allegata vjolenza tinkwadra f'dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 262, u cioe' li l-att ta' vjolenza sar minnufih wara l-allegat tentattiv ta' serq bil-hsieb li l-hati jew hatjin jehilsu mill-arrest jew mill-ghagha tan-nies jew biex dak li jkun jivvendika ruhhu talli jkun gie imfixkel bhala l-halliel. Kif gie ripetutament imfisser kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa bizzejjed, ghall-finijiet tal-Artikolu 449(5)(b) imsemmi, li l-fatti jkunu jikkostitwixxu <u>fis-sustanza</u>, u mhux necessarjament fid-dettal, ir-reat kif migjub jew deskritt f'dak l-att jew f'dak il-kap. Naturalment ikun jispetta lill-gurati, fuq id-direttivi ta' dritt li taghtihom il-Qorti, li jiddeciedu bhala fatt u a bazi tal-provi li jkunu semghu jekk hemmx o meno n-ness ravvisat fl-imsemmi subartikolu (2) tal-Artikolu 262. **Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.**

2. It-tieni eccezzjoni tghid hekk:

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni kap ma jinkwadrax ruhhu bhala alternattiv ghall-ewwel kap u anqas il-fatti kif esposti fl-att ta' akkuza

ma jammontaw ghall-intenzjoni omicidja rikjesta fir-reat ta' tentattiv ta' omicidju".

Din l-eccezzjoni hi assolutament bla bazi. L-ghazla ta' kap jew kapi alternattivi, jigifieri li kap jew kapi jigu indikati bhala "alternattivi" ghal xi kapi ohra, hi fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Avukat Generali. F'dan il-kaz, fit-tieni kap (indikat mill-Avukat Generali bhala alternattiv ghall-ewwel kap) l-Avukat Generali qed jakkuza lil Carmelo Spiteri bit-tentattiv ta' omicidju volontarju taz-zewg kuntistabbli tal-Mobile Sqaud ga indikati fl-ewwel kap. Propjament l-Avukat Generali anqas kellu ghalfejn jikkwalifika dana t-tieni kap bhala alternattiv ghall-ewwel kap, u dan ghar-ragunijiet imfissra minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg, kif ukoll fis-segwenti sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali: Ir-Repubblika ta' Malta v. John sive Ganni Attard u Emanuel Agius (13/11/89), Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Schembri (3/4/90) u Ir-Repubblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi (11/1/94). Pero' fil-kaz in dizamina l-Avukat Generali, ghal ragunijiet li jafhom hu biss, iddecieda li t-tieni kap ikun alternattiv ghall-ewwel kap. Kwantu ghall-ilment li ma tirrisultax f'dan it-tieni kap u mill-fatti kif esposti l-intenzjoni omicida, il-Qorti tosserva li din l-intenzjoni tirrisulta sufficjentement minn dak li jinghad fit-tielet paragrafu. Ma hemm ghalhekk ebda kwistjoni ta' nullita' fit-termini tal-Art. 449(5)(b) tal-Kap. 9. **Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni qed tigi wkoll respinta.**

3. It-tielet eccezzjoni taqra hekk:

"Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet kap tal-att tal-akkuza l-aggravju tal-vjolenza allegatament kommessa mill-akkuzat fuq il-persuna tal-kuntistabbli Maurice Laferla ma johrogx mill-fatti dedotti fl-att tal-akkuza".

Din l-eccezzjoni ser tigi wkoll respinta. Huwa veru li dana t-tielet kap hu redatt b'parsimonija fl-uzu tal-kliem, izda jekk wiehed jara l-ewwel paragrafu ta' dan il-kap wiehed isib fih, fis-sustanza, l-elementi kollha tar-reat kif migjub fil-parti akkuzatorja tal-istess kap. **Ghalhekk din it-tielet eccezzjoni qed tigi respinta.**

4. Ir-raba' eccezzjoni hi formulata f'dawn it-termini:

"Illi minghgajr pregudizzju ghas-suespost l-akkuza kostitwita fil-hames kap hija insostenibbli billi ma jista' qatt ikun hemm licenzja ghall-pussess u uzu ta' arma tan-nar fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza".

F'dan il-hames kap Carmelo Spiteri qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 66, u cioe' talli kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Skond il-parti esposittiva f'dan il-kap, l-akkuzat ghamel uzu minn din l-istess arma tan-nar (presumibbilment ikkargata) fil-kors tal-allegat tentattiv ta' serq mill-bank. Fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti id-difensuri tal-akkuzat issottomettew li ma jista' jkollok qatt licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex tutilizza arma

bil-mod kif allegatament din giet utilizzata mill-istess akkuzat. Dan huwa veru, pero' l-elementi kostituttivi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1A) huma (1) il-pussess (jew kontroll jew garr) ta' arma tan-nar jew munizzjon, (2) barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, u (3) minghajr id-debita sensja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fi kliem iehor, il-licenzja tal-Kummissarju tawtorizza biss dak li jissejjah "to carry" (a differenza ta' "to keep", Art. 3(1)), u mhux tawtorizza xi uzu partikolari, legali jew illegali, bl-istess arma u/jew munizzjon. Persuna jista' jkollha licenzja "to carry" u xorta wahda taghmel uzu hazin u illegali minn dik l-arma, ez. tutillizzha fil-kors ta' serqa, f'liema kaz jista' jkun hemm l-aggravju tal-mezz, izda dak li jkun ma jkunx imputabbli taht l-Art. 3(1A) imsemmi. Bil-kontra, wiehed jista' jkun qed igorr arma u/jew munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, izda ma jaghmel ebda uzu partikolari b'dik l-arma, u allura jkun jikkonfigura biss ir-reat taht l-Art. 3(1A). Ghalhekk anqas jista' jinghad -- ghalkemm propjament dana ma giex sottomess mid-difensuri tal-akkuzat -- li hemm xi forma ta' konkors formali bejn ir-reat fil-hames kap u xi reat f'xi kap iehor. **Ghall-dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi din ir-raba' eccezzjoni**.

5. L-akkuzat jghid hekk fil-hames eccezzjoni tieghu:

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-dokument esebit Dok DFD huwa inammissibbli skond il-ligi stante (1) li oggett huwa prova li normalment tinghata lill-gurati u hawnhekk Dok DFD huwa atti tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija v. Giuseppi sive Zeppi Polidano", li barra li huwa estraneu ghal kaz odjern ma jikkostitwixxix prova accessibbli bhala dokument ghall-gurija; (2) apparti l-fatt li hawn si tratta ta' ksur manifest tar-regola illi x-xhieda ghandhom jinstemghu viva voce".

Eccezzjoni simili diga giet deciza minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' April, 1996 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Emanuel Farrugia u Raymond Borg. Id-Dokumend DFD huwa fotokopja legalizzata tal-process fil-konfront ta' certu Polidano (li allegatament kien ukoll involut fl-attentat ta' serq mill-fergha tal-Mid-Med Bank f'St. Andrews) u gie ezibit fil-kors tal-istruttorja kontra l-akkuzat odjern minn Dott. Donatella Frendo Dimech fl-24 ta' Gunju, 1996. Dwar dan id-dokument hemm zewg verbali li ghandhom jigu senjalati. L-ewwel wiehed hu dak registrat fl-udjenza tas-17 ta' Lulju, 1996 (fol. 490) li jghid hekk:

"B'referenza ta' xi xhieda ta' nazzjonalita' barranija li xhedu fl-inkjesta dwar il-"hold-up" fil-Mid-Med Bank, St. Andrew's, fis-27 ta' Marzu, 1996, liema xhieda tinsab ezibita fid-Dokument DFD, liema xhieda illum telqu minn Malta u ghalhekk ma jistghux jaghtu x-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri, id-difiza taqbel bla pregudizzju illi dik l-istess xhieda ghandha tittiehed daqslikieku dawn regghu xehdu mill-gdid viva voce f'din il-kumpilazzjoni".

Il-verbal l-iehor hu tal-11 ta' Settembru, 1996 (fol. 521) u jghid hekk:

"Dwar il-kwezit "C" fin-nota ta' rinviju tat-22/8/96 ["Tisma lil Muriel Thompson, Sydney James Thompson u lil Tura Anelli Cottilalen okkorrendo b'ittri rogatorji dwar il-kaz"] il-partijiet jaqblu illi x-xhieda tal-persuni indikati li huma

taw waqt l-Inkjesta Magisterjali ghandha tittiehed daqslikieku inghatat f'dawn il-proceduri viva voce u li l-imputat qed jaghti l-kunsens tieghu ghal dan il-ghan u ghalhekk ma hemmx ghalfejn isiru ittri rogatorji".

Konformement ma' dak li gie deciz fil-kawza ta' Farrugia u Borg, appena imsemmija, u tenut kont ta' dawn iz-zewg verbali, id-Dokument DFD **ma jaghmilx prova kontra l-akkuzat odjern HLIEF**

**(i) ghar-rigward tal-*proces-verbal* -- propjament fotokopja legalizzata tieghu -- inkluzi d-digrieti tal-magistrat, il-verbali tal-accessi minnu mizmuna, u d-deposizzjonijiet tax-xhieda moghtija fil-kors ta' dik l-inkjesta dwar l-*in genere*, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 550 tal-Kap. 9 ghal dak li jirrigwarda l-*proces verbal ut sic*, u ghal dak li jirrigwarda d-deposizzjonijiet tax-xhieda fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 549(4) u 646(2) (dan tal-ahhar kif emendat bl-Att XXXII ta' l-1997);**

**(ii) ghal dawk id-dokumenti jew kopji taghhom (ez. relazzjonijiet, ritratti, ecc.) purche' li l-persuna li ezibiet dak id-dokument fil-kors tal-proceduri kontra Polidano u/jew li xehdet dwaru ingiebet tixhed fil-kors tal-istruttorja fil-konfront tal-akkuzat Spiteri jew tingieb tixhed fil-kors tal-guri tal-imsemmi Spiteri, u**

**(iii) ghal dawk id-deposizzjonijiet milquta bil-verbali tas-17 ta' Lulju, 1996 u 11 ta' Settembru, 1996 kemm-il darba dawn ma jaqghux taht dak li diga inghad fil-paragrafu (i).**

Il-bqija ta' dan il-process jista' jservi biss **bhala mezz ta' kontroll ta' provi u xiehda ohra**. Din il-Qorti qieghdha ghalhekk tiddisponi minn din l-eccezzjoni **fis-sens hawn fuq imfisser**.

6. Is-sitt eccezzjoni tghid hekk:

"Illi subordinatament u minghjr pregudizzju ghas-suespost in-nomini tal-esperti ma saritx skond il-ligi u konsegwentement <u>ir-rapporti ta' dawk l-esperti mhux korrettement nominati ghandhom jigu sfilzati mill-process</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998 l-akkuzat specifika ghall-liema xhieda hu kien qed joggezzjona; hu indika s-segwenti:
*+Christopher Farrugia,
*+Mario Mifsud,
+PC 154 Jesmond Cassar,
+PC 1374 Edgar Dalli,
+PC 1525 Patrick Farrugia,
+PC 198 Arthur Debattista,
+PC 644 Ivan Camilleri,
+PC 659 Jeffrey Hughes,
+PC 1024 Etienne Calleja,

*PC 516 Alfio Borg,
*PC 166 Marlon Debattista,
*PC 46 Charles Casha,
*+PC 964 Robert Scicluna,
*PC 239 Joseph Caruana,
Charles Muscat,
*Dr. Kamala de Souza [recte: Soysa],
*Dr. Mario Scerri, u
+Dr. Anthony Abela Medici.

Skond l-akkuzat fin-nota imsemmija (ara dik originali miktuba bl-idejn, mhux il-kopja dattiloskritta), dawn kollha, ad eccezzjoni ta' Dr. Anthony Abela Medici, gew nominati fil-11 ta' Gunju, 1996 a fol. 26 tal-atti. Dan ma hux korrett. Fil-11 ta' Gunju, 1996, il-Qorti Istruttorja ikkonfermat fin-nomini taghhom biss lil dawk immarkati bl-asterik (*), u dan wara li hadet konjizzjoni tal-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* maghmula mill-Magistrat Dott. A. Lofaro (fol. 29). Dawk immarkati bis-sinjal tal-addizzjoni (+) gew konfermati fin-nomini taghhom fl-24 ta' Gunju, 1996 wara li l-Qorti Istruttorja hadet konjizzjoni tal-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* maghmula mill-Magistrat Dott. N. Cuschieri u li fotokopja legalizzata taghha tinsab bhala parti mid-dokument DFD (ezibit ukoll fl-24 ta' Gunju, 1996). Xi whud minn dawk indikati mill-akkuzat bhala li huma kuntistabblijiet jidher li huma fil-fatt surgenti. Inoltre Dr. Anthony Abela Medici rega' inghata inkarigu iehor (flimkien ma' Charles Muscat) fl-udjenza tal-25 ta' Marzu, 1997 (fol. 642). Fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998 l-akkuzat kompla fisser ir-raguni ghal din l-eccezzjoni. Hu jghid li dawn in-nies "jiffurmaw parti mill-pulizija gudizzjarja u li fil-proceduri kemm istruttorja u kemm bhala qorti ta' kumpilazzjoni, ghandha responsabilita' li tmexxi l-prosekuzzjoni"; hu jghid li dawn ma jistghux jigu kkunsidrati bhala esperti indipendenti skond il-ligi peress li ghandhom "legami u rabtiet kontinwi mal-prosekuzzjoni fix-xoghol taghha".

Issa, apparti li l-istruttorja u l-kumpilazzjoni huma l-istess haga, u apparti l-punt akkademiku dwar kemm verament wiehed jista' jitkellem dwar "pulizija gudizzjarja" fil-ligi taghna (specjalment wara l-bidu fis-sehh tal-ligi li llum hija l-Kap. 340), dak li jidher li qed jipprova jghid l-akkuzat hu li l-persuni aktar 'l fuq elenkati ma humiex indipendenti; konsegwentement ma' setghux jigu nominati bhala esperti (periti) u ghalhekk ir-rapporti taghhom ghandhom jigu sfilzati mill-process. Fi kliem iehor, l-akkuzat mhux qed jeccepixxi l-inammissibilita' taghhom bhala xhieda, izda biss l-inammissibilita' tar-rapporti taghhom.

Kif inhu risaput, fil-Kodici Kriminali persuna tigi mahtura espert meta l-Qorti tkun tal-fehma li ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun mehtiega hila jew sengha specjali (Art. 650 (1)). Dak li jikkaratterizza u jiddistingwi x-xhud espert minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu li dak ta' l-ewwel jista' jesprimi l-opinjoni ossia l-fehma tieghu (Art. 656) a rigward ta' l-ezami li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irrid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, il-velocita' li jkun ra vettura

ghaddejja biha) jillimita ruhhu ghall-dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi.

"The general rule is that witnesses may only give evidence of facts personally percieved and not evidence of opinion, i.e., evidence of inferences drawn from such facts" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, p. 1840, para. F10.1).

Fil-Kodici Kriminali taghna propjament ma hemm xejn li jimpedixxi lil Qorti milli tinnomina bhala espert membru tal-Korp tal-Pulizija. Fl-intendiment tal-legislatur penali l-indipendenza tal-persuna hekk nominata u l-ekwidistanza tieghu mill-partijiet fil-kawza tigi garantita propju bil-fatt li tkun giet nominata mill-Qorti u ma tkunx ingiebet bhala xhud *ex parte*. Izda f'dawn l-ahhar snin kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, stabbilew certi principji intizi biex filwaqt li jassiguraw il-protezzjoni shiha tad-drittijiet fondamentali tal-akkuzat jigi assigurat ukoll li l-Qrati ma jinfatmux mir-realtajiet tas-socjeta' li fiha joperaw, b'mod li "jinholoq bilanc gust bejn l-interess suprem tal-Gustizzja u l-interess tas-Socjeta' li tipprotegi ruhha kontra reati ta' certa' gravita'" (Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, Q.Kost., 22/5/91, Vol. LXXV.i.240, 263). Il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-segwenti sentenzi: Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija, *supra*; Il-Pulizija v. Longinu Aquilina, Q.Kost., 23/1/92; Il-Pulizija v. Carmel Camilleri u Therese sive Tessie Agius, Q.Kost., 30/4/93; u Il-Pulizija v. Joseph Harrington u Thomas sive Tommy Baldacchino, Q.Kost., 31/7/96. Minn qari akkurat ta' dawn is-sentenzi johorgu zewg principji li fil-prattika gew segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin, u cioe':

(i) li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surgenti u fizzjali) m'ghandhomx jinhatru periti fis-sens ta' l-Art. 650 tal-Kap. 9, u li jekk dawn xorta' wahda hekk jinhatru, huma jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe' biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u

(ii) li Dott. Anthony Abela Medici u, *semble*, pajzana ohra (li ma humiex membri tal-Korp tal-Korp tal-Pulijiza), ghalkemm jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta, jistghu jigu nominati bhala periti u jiddeponu bhala tali kemm-il darba ma jkunx jirrisulta fil-kaz konkret li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija tal-imputat jew akkuzat li jkun, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita' mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-*in genere*, ikunu iffurmaw "pre-gudizzju" kontra l-insemmi imputat jew akkuzat.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod tiddipartixxi minn dawn iz-zewg principji, li, kif inghad, gew fil-prattika segwiti kostantement mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna f'dawn l-ahhar snin (kif jirrisulta mill-fatt, per ezempju, li Dott. Anthony Abela Medici u Christopher Farrugia xehdu bhala esperti f'ghexieren jekk mhux f'mijiet ta' kawzi minghajr qatt ma kien hemm l-ickem dubbju dwar ir-regolarita' tan-nomina taghhom). Il-fatt li dawn il-

pajzana jahdmu fil-F.S.L. jew ghandhom "konnessjonijiet" ma' dan il-laboratorju peress li jigu imqabbda ta' spiss mill-magistrati inkwirenti u/jew mill-Qorti Istruttorja, ma jfissirx li dawn ma humiex imparzjali jew indipendenti ghall-finijiet tal-kwistjoni in ezami. Anzi, wiehed jista' jghid li propju ghax jigu appuntati hekk ta' spiss bhala esperti huma ghandhom dik l-esperjenza mehtiega, apparti facilitajiet ta' laboratorju, biex ikunu jistghu iwettqu bl-ahjar mod il-kompitu lilhom assenjat. Kieku kien mod iehor ebda magistrat ma jista' jiggudika f'kawza peress li, bhala magistrat inkwirenti -- fil-kors tal-inkjesti dwar l-*in genere* -- hu ghandu konnessjonijiet mill-qrib hafna mal-Pulizija Ezekuttiva u prattikament ikun qieghed jagixxi ta' investigatur mal-pulizija jew, xi mindaqqiet, minflokhom.

L-argument, migjub mill-akkuzat fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998, li dawn l-esperti gew indikati bhala "xhieda" mill-Avukat Generali fin-nota annessa mal-att ta' akkuza, ma hu ta' ebda validita' legali. L-Avukat Generali jindika dawn l-esperti propju fit-termini ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 550(3) u 590(2) tal-Kodici Kriminali, u cioe' fil-lista tax-xhieda u bhala xhieda.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li fil-kors ta' l-istruttorja meta kienu qed jigu kkonfermati jew nominati d-diversi esperti, l-akkuzat -- li kien dejjem legalment assistit -- f'ebda hin ma ghamel l-icken oggezzjoni ghal dawn il-konfermi u nomini (ara, per ez., il-verbali tas-16 ta' Lulju, 1996, fol. 446, u dak, rigwardanti Dr. Kamal de Soysa, tat-13 ta' Mejju, 1997, fol. 717) hlief, b'mod generali u vag hafna u minghajr ma ta ebda ragunijiet ghar-riserva li ghamel, ghan-nomina specifika ta' Dott. Abela Medici u Charles Muscat tal-25 ta' Marzu, 1997 (fol. 642). Bhalma fissret ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Harrington (*supra*), huwa ferm ingust u certament mhux konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li meta qorti tkun innominat perit, minn ikollu xi oggezzjoni ghal dik in-nomina, flok ma jgib 'l quddiem dik l-oggezzjoni minnufih sabiex il-qorti tkun tista' tikkunsidrha u, jekk ikun il-kaz tappunta lil xi hadd iehor, ihalli kollox ghaddej, imbghad fi stadju inoltrat, meta possibilment lanqas ikun aktar possibbli jew utili li ssir perizja gdida, jivventila l-oggezzjoni tieghu. Kif tajjeb osservat dik il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Nicholas Ellul, ghalkemm "akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun *fair* mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt" (*ibid.*).

Fl-ahharnett ghandu jigi osservat li l-akkuzat, fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998, jghid, b'referenza ghall-oggezzjoni li qed iqajjem issa dwar l-esperti aktar 'l fuq indikati, li "dan qieghed jigi sottomess mhux biex anki lontanament jintefa' xi dell dwar il-kompetenza jew il-professjonalita' taghhom, izda ghaliex l-indipendenza ta' l-esperti fis-sistema guridiku taghna ghandha tigi konstatata u percepita bhala tali". Fi kliem iehor l-akkuzat ma hu qed jallega ebda pregudizzju jew "bias" f'dawn l-esperti. Ghalhekk ukoll din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddipartixxi miz-zewg principji aktar 'l fuq imsemmija.

Ghall-motivi kollha premessi, **din il-Qorti qed tirrespingi din is-sitt eccezzjoni tal-akkuzat kif minnu formulata, b'dan pero' li qed tiddikjara**

**minn issa li dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija -- kuntistabblijiet u surgenti -- aktar 'l fuq elenkati ser jigu ammessi jixhdu biss bhala xhieda ordinarji u cioe' fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula u mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti.**

7. Is-seba' eccezzjoni tal-akkuzat tghid hekk:

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-oggett tal-prova tax-xhieda ndikati u tad-dokumenti esebiti ma giex sufficjentement u skond il-ligi ndikat fl-att tal-akkuza".

Fin-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998 l-akkuzat illimita din l-eccezzjoni ghad-Dottoressa Marielle Caruana, Michael Darmanin, Amadeo Brincat u John Zammit. Din il-Qorti ma tara ebda validita' f'din l-eccezzjoni. Il-fatt li l-oggett tal-prova ta' xhud ma jkunx gie "sufficjentement indikat" ma jfissirx necessarjament li dak ix-xhud ma jkunx ammissibbli. La l-prosekuzzjoni u lanqas l-akkuzat ma huma tenuti li jindikaw l-oggett tal-prova li jridu jaghmlu permezz ta' xhud, hlief jekk il-Qorti fuq talba tal-kontroparti jew *ex officio* tordna li tali oggett jigi indikat; fil-kaz in dizamina, la l-akkuzat ma talab, u lanqas din il-Qorti *ex officio* ma ordnat, li l-oggett tal-prova jigi hekk indikat (ara l-proviso tas-subartikolu (4) tal-Art. 438 tal-Kap. 9). Fi kwalunkwe kaz, l-Avukat Generali, fin-nota tieghu tas-6 ta' Lulju, 1998, ghamel referenza ghall-pagni tal-atti tal-istruttorja mnejn jirrisulta fuqhiex xehdu dawn l-erba' xhieda. Frankament din il-Qorti ma tara li hemm xejn li ghandha taghmel fir-rigward ta' din l-eccezzjoni hlief li tichadha. Ghall-motivi premessi, **tirrespingi din is-seba' eccezzjoni**.

Ser tigi issa kkunsidrata l-eccezzjoni tal-inammissibilita' sollevata mill-Avukat Generali fil-konfront taz-zewg xhieda -- Tabib Joe Louis Grech u Tabib Christopher Muscat -- indikati mill-akkuzat. Fid-digriet taghha tal-25 ta' Gunju, 1998 din il-Qorti kienet ordnat li jigi indikat l-oggett tal-prova li l-akkuzat ried jaghmel permezz ta' dawn iz-zewg xhieda. L-akkuzat indika l-oggett tal-prova hekk (ara n-nota tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998):-

"B'referenza ghax-xhieda tat-tabib Christopher Muscat l-oggett tal-prova huwa dak relevanti ghall-bzonnijiet medici ta' l-esponent u kif dawn jigu riflessi fil-kuntest tax-xhieda medika kontenuta fil-process.
"Ghal dak li jirrigwarda d-deposizzjoni ta' Dott. Joseph Louis Grech id-deposizzjoni fattwali minnu rikjesta tinsab marbuta mar-risultanzi sottomessi minn xhieda elenkati fil-lista ta' l-Avukat Generali".

Meta l-Qorti tordna li jigi indikat l-oggett tal-prova tippretendi li dak l-oggett jigi dikjarat <u>b'mod car</u> u mhux b'mod sibillin, kif donnu qed jipprova jaghmel l-akkuzat. Il-Qorti ser ikollha necessarjament tippresumi, fil-kaz ta' Dott. Muscat, li dan kien it-tabib kuranti jew b'xi mod ikkura lill-akkuzat f'xi zmien relevanti ghall-"facts in issue", **b'mod li ghalhekk jaf *di scienza propria* x'kienu l-htigijiet medici tieghu**. Pero' dan ix-xhud **mhux ser jigi ammess biex jiddeponi u jaghti opinjoni dwar dak li jkun xehed haddiehor**, tabib jew mhux tabib. Dik il-funzjoni tispetta lill-espert, li fis-sistema taghna u fil-kamp penali ghandu jigi nominat mill-Qorti u mhux

prodott *ex parte* (ara, *inter alia*, Ir-Repubblika ta' Malta v. Raymond Agius et., Qorti ta' l-Appell Kriminali, 12/1/88). Ghalhekk tiddipsoni dwar l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali u riferibbilment ghal Dr. Christopher Muscat billi **tammetti lil dana x'xhud sabiex jixhed limitatament dwar dak li jaf *di scienza propria* u minn ezami tal-akkuzat fiz-zmien relavanti ghall-"facts in issue" dwar il-htigijiet medici tal-istess akkuzat**.

L-istess ma jistax jinghad dwar Dott. Joseph Louis Grech. Mill-oggett tal-prova kif dikjarat din il-Qorti hi sodisfatta li l-akkuzat qed jipprova, b'mod indirett, jipproduci "espert" *ex parte*. Din il-Qorti, u kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali, hi obbligata li ma thalli lil hadd jipprova jirraggira d-dispost tal-ligi dwar il-perizji. Ma jirrisultax, mill-oggett tal-prova kif dikjarat, li dana x-xhud jaf xi haga *di scienza propria* dwar il-"facts in issue" jew il-"facts relevant to the issue"; dan ix-xhud jidher li ser jigi prodott biss biex jaghti opinjoni dwar dak li jkun irrisulta mid-deposizzjonijiet ta' haddiehor, kif del resto jirrisulta car anke mill-oggett tal-prova kif dikjarat fin-nota ta' l-1 ta' Dicembru, 1997 ("biex jixhed dwar il-provi forensici"). Ghalhekk dan ix-xhud (Dott. Joseph Louis Grech) **hu inammissibbli, u din il-Qorti qed tilqa' fil-konfront tieghu l-eccezzjoni ta' l-inammissibilita' sollevata mill-Avukat Generali.**

U b'dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha sollevati".

Minn dik is-sentenza appellaw kemm l-akkuzat Carmelo Spiteri kif ukoll l-Avukat Generali.

L-akkuzat appella permezz ta' rikors ipprezentat fit-2 ta' Settembru, 1998, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tieghu u minflok tilqa' dawk l-eccezzjonijiet kollha skond il-ligi, (b) tikkonfermaha fil-parti fejn ammettiet bhala xhud tieghu lit-tabib Christopher Muscat, u (c) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn laqghet l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali dwar l-ammissibilita' tax-xhud Dr. Joseph Louis Grech, b'dan li l-istess xhud jigi ammess skond il-ligi.

L-Avukat Generali appella permezz ta' rikors li gie ipprezentat fit-3 ta' Settembru, 1998 u li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn irrespingiet is-sitt eccezzjoni ta' l-akkuzat, b'dan pero' li ddikjarat minn issa li dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija – kuntistabblijiet u surgenti – aktar 'l fuq elenkati, kienu ser jigu ammessi jixhdu biss bhala xhieda ordinarji, u cioe', fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula u mhux biex jesprimu opinjonijiet qua esperti, u minflok tammettihom ukoll bhala esperti biex jesprimu opinjoni.

Din il-Qorti jidhrilha li huwa aktar utli illi tibda l-ewwel bl-appell ta' l-akkuzat.

L-appell tieghu huwa maqsum fi tmien aggravji li ser jigu kkonsidrati minn dil-Qorti seriatim kif moghtija.

1. Bl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant, jirreferi ghall-ewwel eccezzjoni li kien ta fi prim'istanza u jkompli jsostni li l-aggravju ta' attentat ta' omicidju bhala aggravanti

ghall-attentat ta' serq m'huwiex sostenibbli mill-fatti kif esposti fl-ewwel kap. Inoltre l-ewwel Onorabbli Qorti, fil-fehma tieghu, gharfet li mill-fatti kif esposti l-att ta' vjolenza sar wara l-allegat tentattiv ta' serq u ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala fatti distinti minn xulxin skond il-ligi in sostenn tat-tezi tieghu.

Din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Onorabbli Qorti rrispondiet tajjeb hafna ghall-eccezzjoni ta' l-appellant u ghamlet sewwa li cahditha. Dana minhabba dak li jipprovdi s-subartiklu 2 ta' l-artiklu 262 li jikkontempla l-possibilita' li att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, anke jekk ikun sar immedjatament wara u anke jekk ikun intiz bi skop li jkun hemm il-helsien tal-hati mill-piena jew mill-arrest, apparti konsiderazzjonijiet ohra. Hu anke kontemplat mil-ligi l-possibilita' li l-att ta' vjolenza jkun sar biex dak li jkun jivvendika ruhu talli ma jkunux hallewh jew fittxew li ma jhalluhx jisraq jew talli jkunu hadulu lura l-haga l-misruqa, jew talli jkun gie mikxuf bhala l-halliel. Hu evidenti ghalhekk, li s-sottomissjoni ta' l-appellant legalment hija bla valur, anke jekk s'intendi l-kwistjoni ta' fatt trid tigi eventwalment valutata u deciza mill-gurati. Pero', certament ma jistax jinghad li l-aggravju ta' attentat ta' omicidju bhala aggravanti ta' l-attentat ta' serq mhux sostenibbli mill-fatti kif esposti fl-ewwel kap.

2. It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda t-tieni eccezzjoni tieghu u f'dan il-kuntest huwa jirrileva illi t-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ma jinkwadrax ruhu bhala alternattiv ghall-ewwel Kap, u anqas il-fatti kif esposti ma jammontaw ghall-intenzjoni omicida rikjest fir-rejat ta' tentativ ta' omicidju.

Frankament din il-Qorti thoss li, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, din l-eccezzjoni hija assolutament bla bazi. Ma jidhrilhiex li hu l-kaz li zzid fuq dak li hemm fil-paragrafu relativ tas-sentenza appellata li jirrispondi fl-intier ghall-eccezzjoni sollevata mill-appellant.

3. It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda sottomissjoni li hu ghamel fi prim'istanza permezz ta' eccezzjoni konsistenti fis-sottomissjoni li l-aggravju ta' vjolenza allegatament kommessa minnu fuq il-persuna tal-Kuntistabbli Maurice Laferla ma johrogx mill-fatti kif espost fit-tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Din il-Qorti taqbel ma' dak li ddecidiet fir-rigward l-ewwel Onorabbli Qorti u cioe', illi hemm bizzejjed fit-tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, anke jekk m'hemmx hafna, biex jista' jigi stabbilit l-aggravju tal-vjolenza allegatament kommessa mill-appellant fuq il-persuna tal-Kuntistabbli Maurice Laferla – s'intendi jekk jirrizulta mill-provi. Dana partikolarment minn dak li jirrizulta fl-ewwel paragrafu ta' dan it-tielet Kap. Ghalhekk anke dan l-aggravju ma jistax jigi akkolt.

4. Aggravju iehor ta' l-appellant jirrigwarda r-raba eccezzjoni minnu sollevata fi prim'istanza, u f'dan ir-rigward jissottometti li ma jista' jkollok qatt licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex tutilizza arma bil-mod kif indikat fl-ewwel Kap, u ghalhekk l-akkuza kostitwita fil-hames Kap hija insostenibbli.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ddecidiet fir-rigward l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, u li ampjament jirrispondi ghall-eccezzjoni ta' l-appellant b'mod ineccepibbli u ma tarax li hu l-kaz li zzid fuq dak li hemm hemmhekk. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

5. Aggravju iehor ta' l-appellant jirrigwarda l-hames eccezzjoni minnu moghtija fi prim'istanza rigwardanti d-dokument DFD li tieghu talab l-isfilz. Id-dokument DFD jikkonsisti fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Giuseppi sive Zeppi Polidano", u s-sottomissjoni ta' l-appellant kienet illi barra li dan huwa estraneju ghall-kaz odjern, ma jikkostitwix prova ammissibbli bhala dokument ghall-gurija. Huwa ssottometta wkoll illi l-ammissjoni ta' dan id-dokument fl-atti processwali jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tar-regola li x-xhieda ghandhom jinstemghu viva voce.

Anke hawn din il-Qorti ma tarax illi hu l-kaz li tghid aktar minn dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata fil-parti fejn iddecidiet l-eccezzjoni relattiva ta' l-akkuzat. Infatti dan hu punt li diga' gie dibattut u deciz precedentement minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha, kif fil-fatt hemm indikat fis-sentenza appellata, u l-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti rigwardanti d-dokument DFD, u sa fejn u f'liema kuntest jista' jikkostitwixxi prova, favur jew kontra l-akkuzat, huwa konformi mal-gurisprudenza ta' din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz illi takkolji l-aggravju ta' l-appellant jew li taqbel mieghu li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward kienet censurabbli.

6. L-appellant ghandu wkoll aggravju iehor li jirrigwarda s-sitt eccezzjoni minnu sollevata fi prim'istanza. Huwa jinsisti li r-rapporti ta' l-esperti, liema kienu gew nominati mhux skond il-ligi u mhux konformi mal-principji stabbiliti mill-qrati taghna, ghandhom jigu sfilzati. Huwa jaghmel ukoll riferenza ghan-nota tieghu fi prim'istanza li gib id-data tat-2 ta' Lulju, 1998 u li din il-Qorti rat. Verament tenut kont tal-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet ir-relazzjoni relativa bis-sentenza appellata, u cioe' tenut kont illi filwaqt li cahditha ddikjarat li l-membri tal-Korp tal-Pulizija elenkati fis-sentenza stess kienu ser jigu ammessi biss bhala xhieda ordinarji, u, cioe', fuq kostatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula u mhux biss biex jesprimu opinjonijiet qua esperti. Din il-Qorti difficilment tista' tifhem xi jrid jghid l-appellant bit-talba tieghu ghall-isfilz tar-rapporti ta' dawk l-esperti, "liema kienu gew nominati mhux skond il-ligi u mhux konformement mal-principji stabbiliti mill-qrati taghna". Din il-Qorti mhux qed tifhem ghal min qed jghid u fi kwalunkwe kaz in kwantu jirrigwarda l-esperti l-ohra li fuqhom iddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti, ma jidhirx li hu l-kaz li jigi disturbat dak li gie deciz fir-rigward taghhom. Ghalhekk, anke dan l-aggravju qed jigi respint.

7. Imbaghad, l-appellant ghandu aggravju iehor li jirrigwarda s-seba' eccezzjoni minnu sollevata fi prim'istanza u fir-rigward jirrileva li huwa ssodisfa l-precett tal-ligi meta zvela, permezz ta' l-istess eccezzjoni, li l-oggett tal-prova ma kienx indikat skond il-ligi.

Fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti u fis-semplicita' ta' l-istess ragonamenti, li abbazi taghhom giet michuda l-eccezzjoni relativa, hija qeghda tirrespingi dan l-aggravju peress li tara li m'ghandhiex x'izzid fuq dak li hemm fis-sentenza appellata.

8. Finalment l-appellant ghandu aggravju iehor li jirrigwarda t-talba tieghu ghall-produzzjoni ta' Dr. Joseph Louis Grech u f'dan ir-rigward jirrileva li mhux minnu li kien qed jipprova jirraggira l-provvedimenti tal-ligi dwar l-esperti "ex-parte". Huwa jispjega li dan ix-xhud kien qed jitolbu peress li d-deposizzjoni fattwali li ghandha

tinghata minnu tinsab marbuta mar-rizultanzi sottomessi minn xhieda elenkati fil-lista ta’ l-Avukat Generali.

Fir-rigward ta’ dan l-aggravju din il-Qorti tirrileva li sfortunatament l-espert Dottor Joseph Louis Grech miet fil-mori ta’ dan l-appell u li ghalhekk awtomatikament jaqa’ l-iskop li ghalih intalbet il-produzzjoni tieghu bhala xhud.

Stabbilit dan kollu din il-Qorti qeghda prezenzjalment tirrigetta l-appell ta’ l-akkuzat.

Ikkonsidrat fuq l-appell ta’ l-Avukat Generali.

L-Avukat Generali qieghed jappella, kif inghad, minn dik il-parti tas-sentenza appellata rigwardanti s-sitt eccezzjoni ta’ l-akkuzat fejn iddecidiet li l-esperti membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ser jigu ammessi biss bhala xhieda ordinarji u cioe’ fuq il-konstatazzjonijiet ta’ fatt minnhom maghmula u mhux biex jesprimu opinjonijiet qua esperti.

L-Avukat Generali qed jitlob li jigu ammessi ukoll bhala esperti biex jesprimu opinjoni minhabba li, fil-fehma tieghu, kien hemm nonkuranza da parti ta’ l-akkuzat li ma oggezzjonax ghan-nomina taghhom a tempo vergine, u anqas f’xi zmien ragonevolment vicin b’mod li ma jisfrattax l-amministrazzjoni retta tal-gustizzja.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li hemm fis-sentenza appellata fir-rigward tas-sitt eccezzjoni ta’ l-akkuzat u li jinkludi wkoll l-gurisprudenza ta’ l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali rigwardanti l-kazijiet meta l-oggezzjoni ghan-nomina ta’ l-esperti ma tkunx saret fi zmien utili u tosserva li, ciononostante, l-ewwel Qorti dehrilha li trattandosi tal-persuni membri tal-Korp tal-Pulizija indikati fl-eccezzjoni u anke fis-sentenza appellata, ma kienx il-kaz illi tammettihom bhala esperti, anke jekk l-eccezzjoni nghatat meta nghatat.

F’dan ir-rigward din il-Qorti hasbet fit-tul u ghalkemm tifhem l-ilment ta’ l-Avukat Generali, ma jidhrilhiex li ghandha tmur kontra d-diskrezzjoni li ezercitat l-ewwel Qorti li certament hija ispirata minn sens oghla ta’ gustizzja.

Ghalhekk anke l-appell ta’ l-Avukat Generali ser jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, kif inghad, iz-zewg appelli, cioe’ dak ta’ l-akkuzat kif ukoll dak ta’ l-Avukat Generali qed jigu respinti u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fit-totalita’ taghha. L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mm